Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
url : www.mgarr.gov.mt

# Seduta numru 9. Illum it-Tlieta, 15 ta' Dicembru 2009

**MINUTI**

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali li saru nhar is-Sibt, 6 ta' Ġunju 2009, ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fis-6.15p.m. fuq l-Agenda Segwenti;

Approvazzjoni tal-Minuti
Korrispondenza
Komunikazzjonijiet
Bring In Sites
Winter Tastes
Gieh Mgarr 2010
Resurfacing ta' Toroq
Affarijiet Mixxellanji

**PREŻENTI**

Is-Sindku Paul Vella, il-Viċi Sindku Eman Vella, il-Kunsillier Clayton Gauci, Il-Kunsillier Giovanni Gatt, il-Kunsillier Maria Said

Is-Segretarju Ezekuttiv : Christine Lewis

Il-Laqgħa ġiet immexxija mis-Sindku Paul Vella

**MINUTI**

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u, wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk ffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

## 2.0 Punti Mill-Minuti

2.1 Il-Vici Sindku Eman Vella nforma li Ufficjal mill-MEUSAC baghtet numru ta' proposti ghall-progetti ta' l-UE, izda dawn ma kienux diretti ghal proposta ta' Muzew fl-Ufficcju tal-Kunsill.

2.2 Il-Kunsillier Clayton Gauci informa li l-attivita li thejjiet ta' l-abseiling kienet success. Huwa kompla li z-zghazagh li ppartecipaw fil-quiz imhejji mill-Kummissjoni Ewropeja rebhu l-quiz u dahlu ghall-finali li se jsir nhar il-11 ta' Jannar.

Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
url : www.mgarr.gov.mt

## 3.0 Korrispondenza

3.1 Il-Kunsill qabel li tintbaghat ittra lill-ADT biex jaghmel pressjoni dwar il-pelican crossing approvata f'Ta' Mrejnu.

3.2 Il-Kunsill irceva Diploma in Recognition of and appreciation for Outstanding Sport achievement mill-Kumitat Olimpiku Malti ghax-xoghol li wettaq fil–qasam sportiv fir-rahal.

3.3 Il-Kunsill gie nfurmat li l-allokazzjoni finanzjarja ghas-sena finanzjarja 2010 se tammonta ghal €382,382.

## 4.0 Komunikazzjonijiet

4.1 Is-Sindku nforma li l-kuntrattur V & C Contractors intalab jaghmel parti mit-Triq il-Bidnija bit-tarmak in konnessjoni max-xoghol li kien qed isir mill-Korporazzjoni ta' l-Ilma f'din l-istess Triq, biex it-Triq setghet titlesta mit-tarmak.

4.2 Is-Sindku Paul Vella, il-Vici Sindku Eman Vella, il-Kunsillier Clayton Gauci u s-Segretarju Ezekuttiv iltaqghu ma' l-Onor Chris Said biex jiddiskutu dwar oqsma relatati mal-Kunsilli Lokali.

4.3 Is-Sindku propona li fid-dawl li l-Perit mill-Ministeru ghar-Rizorsi u Nfrastrattura ma lestietx il-pjanti tal-bandli taz-zuntier, jitqabbad jillesti l-pjanta il-Perit tal-Kunsill biex dan il-progett ikun jista' jigi ffinanzjat mill-Fondi tal-UIF ( Urban Improvement Fund).

4.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar it-talba li saret ghal self mill-bank lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u dwar il-laqghat li saru mal-banek kummercjali f'dan ir-rigward. Is-Sindku propona li fid-dawl li l-Bank of Valletta kien l-uniku bank li wera nteress f'dan is-self, il-Kunsill jaghzel l-istima ta' dan il-Bank, kemm il darba jinghata l-approvazzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 5.0 Bring In Sites

5.1 Il-Kunsill irceva tliet proposti ghat-tqeghid u tbattil ta' bring in sites fil-lokalita mill-kumpanija Greenmt, Greenpak u Wasteserv. Il-Kunsill se jaghmel stharrig dwar liema kumpanija tista' toffri l-ahjar pakkett ghall-Kunsill biex ikun jista' jiehu decizjoni f'dan ir-rigward.

## 6.0 Winter Tastes

6.1 Il-Kunsill irceva € 7500 ghall-attivita Winter Tastes li thejjiet nhar it-Tnejn 6 ta' Dicembru fil-pjazza. Il-Vici Sindku Eman Vella qara l-evalwazzjoni li saret minnu u l-grupp taz-zghazagh li kienu attivi hafna fl-organizzazzjoni ta' din l-attivita u kien hemm qbil fuq numru ta' punti. Kien hemm qbil li l-attivita tigik skedata ghall-ewwel weekend ta'

Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
url : www.mgarr.gov.mt

Dicembru. Il-Kunsillier Clayton Gauci qal li mill-kummenti tal-pubbliku, l-attivita ntlaqghat b'mod posittiv.

6.2 Is-Sindku propona li tintbaghat ittra ta' ringrazzjament lil kull min ippartecipa fl-organizzazzjoni ta' din l-attivita.

**7.0 Gieh Mgarr**

7.1 Il-Kunsill iddiskuta dwar is-serata ta' Gieh Mgarr, li se ssir il-Hadd, 21 ta' Frar, minhabba li se jkun hawn prezenti bandisti mil-lokalita ta' Mathi (To). Kien hemm qbil li s-serata tithejja fis-sala ta' l-iskola primarja.

7.2 Il-Vici Sindku Eman Vella informa li l-Kumitat Zghazagh se jiehu hsieb it-tizjin tal-palk u l-prezentazzjoni tas-serata.

7.3 Il-Kunsill qabel li waqt iz-zjara tal-Grupp minn Mathi, li se jammonta ghal 42 ruh, Jum l-Imgarr jibda b'quddiesa fid-9am fil-knisja parrokjali, imbaghad jithejja te u pastizzi fil-bini l-gdid tal-Kunsill. Wara se jzuru s-siti storici tar-rahal.

7.4 Il-Kunsill qabel li l-applikazzjonijiet ghan-nomina ta' Rikonoxximent u Gieh l-Imgarr jghalqu fl-ahhar ta' Jannar.

7.5 Sar qbil li jinxtraw numru ta' medalji tal-fidda minghand Victor Azzopardi, peress li l-ammont li kellu l-Kunsill wasal biex jispicca.

**8.0 Resurfacing ta' Toroq**

8.1 Is-Sindku, ssekondat mill-Vici Sindku Eman Vella, ghaddha mozzjoni biex it-toroq segwenti jghamlu parti mill-iskema li se johrog il-Gvern biex toroq li ghandhom bzonn jigu asfaltati isiru permezz ta' Public Private Partnership u jithallsu fuq numru ta' snin. Il-Kunsill qabel li matul is-sena li gejja jinghataw it-tarmak;

Parti minn Triq il-Kbira
Triq Aruna,
Triq Amaroz
Parti minn Triq il-Karamelli
Parti mit-tela tax-Xewk ( Triq Bingemma)
Triq Imqades
Parti minn bankina fi Triq Fisher

**9.0 Affarijiet Mixxellanji**

9.1 Il-Kunsill qabel li jhejji gita ghat-Toscana ghar-residenti Imgarrin bejn it-30 ta' Marzu u s-6 ta' April. F'din il-gita ir-residenti Imgarrin se jkunu qed jiltaqghu ma' residenti minn

Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
url : www.mgarr.gov.mt

Mathi (To). Sar qbil li jitqassmu flyers fid-djar dwar din il-gita. Se ssir laqgha dwar din il-Gita, nhar it-Tlieta, 19 ta' Jannar fis-7pm.

9.2 Is-Sindku u membri mill-Kunsill se jkunu qed izuru lis-Sinjura Natalina Vella, residenta Mgarrija fl-isptar San Vincenz De Paul, li se taghlaq mitt sena nhar it-Tlieta, 22 ta' Dicembru.

9.3 Il-Kunsillier Clayton Gauci informa li l-Kumitat Oratorju jixtieq li ssir Open Day fl-Oratorju waqt il-Festa Frawli li jmiss. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni ghal din il-proposta.

9.4 Il-Kunsillier Clayton Gauci irrimarka dwar il-problema ta' nuqqas ta' ilma fil-Housing Estate. Is-Sindku nforma li tkellem ma' l-Engineer risponsabbli miz-zona imsemmija u jirrizulta li l-problema kienet gejja minn arja fil-kanen.

9.5 Il-Vici Sindku Eman Vella propona li jingabru stimi dwar l-alloggament ta' madwar 50 zghazugh/a waqt il-progett Youth li huwa propost li jigu fl-Imgarr f'Awissu 2010.

9.6 Il-Kunsillier Giovanni Gatt irrimarka dwar hofra li tinsab fejn iz-zona maghrufa bhala ic-cikken fil-Bajja tal-Gnejna. Kien hemm qbil li ssir spezzjoni fuqha.

9.7 Il-Kunsillier Clayton Gauci gie skuzat fit-8pm.

9.8 Il-Kunsill qabel li ssir pressjoni fuq l-ADT biex il-pelican crossing proposta ghal Ta' Mrejnu titwahhal minghajr dewmien.

9.9 Il-Kunsill qabel li jibghat ittra ta' ringrazzjament lil dawk kollha li taw semhom waqt l-attivita Winter Tastes li saret nhar it-Tnejn, 6 ta' Dicembru.

10.0 Il-Kunsill se jkun qed jippartecipa fil-programm l-Istrina u se jipprezenta cekk ta' € 1,113.95 lill-Community Chest Fund permezz ta' Fondi li ngabru permezz ta' l-ghaqdiet lokali waqt l-attivitajiet li saru ghal dan il-ghan.

10.1 Il-Kunsill approva l-istima tas-Sur Victor Caruana, ghas-servizz tal-gbir ta' skart, li tammonta ghal € 3600 kull xahar, biex tkopri z-zieda fl-ispejjez tieghu, sakemm tohrog sejha ghal offerti.

10.2 Il-laqgha ntemmet fid-8.40p.m

10.3 Is-Sindku sejjah laqgha ohra tal-Kunsill, nhar it-Tlieta, 19 ta' Jannar 2010, fis-6pm

# Kunsill Lokali Mgarr

22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : **www.mgarr.gov.mt***

Christine Lewis
Segretarju Ezekuttiv

Paul Vella
Sindku